MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' April, 2011

Avviz Numru. 2/1995/1

**Louis Mifsud**

**Vs**

**Maria arma ta’ Mikiel Aquilina; Francis Aquilina; Stella Aquilina; u Francis Aquilina li b’digriet tal-20 ta’ Jannar 1995 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Joseph Aquilina u Maryanne mart Francis Cauchi u b’digriet tat-8 ta’ Novembru 2007 il-gudizzju gie trasfuz f’isem Stella Aquilina xebba, Mary Anne Cauchi mart Francis, Joseph Aquilina u Francis Aquilina stante l-mewt ta’ Maria Aquilina fil-mori tal-kawza**

Il-kawza tittratta talba sabiex il-konvenuti jigu zgumbrati mir-raba’ msejha Tad-Durdina, Ghasri, Ghawdex b’kejl ta’ erbat elef tlett mija u tmien metri kwadri (€4,308 mk), u dan wara li jigi dikjarat li l-kirja hi xolta u terminata skond l-Artikoli 1554 u 1555 tal-Kodici Civili.

Il-konvenuti wiegbu permezz ta’ nota tal-eccezzjonijiet prezentata fis-7 ta’ Frar 1995 (fol. 11) li ma jezistux ir-rekwiziti tal-Artikoli 1554 u 1555 tal-Kodici Civili sabiex l-atturi jiehdu lura l-art.

Konnessa ma’ din il-kawza hemm il-kawza fl-ismijiet **Joseph Azzopardi et vs Maria Aquilina et** (Avviz 1/1995) li giet deciza wkoll illum. Dawn iz-zewg kawzi nstemghu flimkien u japplikaw l-istess provi.

Sabiex tigi evitata ripetizzjoni zejda l-qorti qeghda ghal finijiet ta’ din il-kawza taddotta mutatis mutandis l-istess konsiderazzjonijiet li ghamlet fil-kawza l-ohra. Ghalhekk filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti qeghda **tilqa’ t-talba tal-attur sabiex tinhall il-kirja, u tikkundanna lill-konvenuti sabiex sal-15 ta’ Gunju 2011 jizgumbraw mill-art oggett ta’ din il-kawza. Spejjez a karigu tal-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------